## Vudu

ALBERT MARSHALL

ħoss safi li jivvampa minn qalb il-ġamar rieqed tas-silenzju
difa purità ta' kulur li jfeġġ minn wara l-ħġieġ
dawl ta' mument sajjetta li jibber fil-qigħan t'għajnejn min inħobb

tliet frammenti kwiekeb feġġa
kannizzata tat-tajjar . . .
għanja vampa
merżuq xemx
u ħarsa leħħa li tvenven ir-ruħ

tliet vleġeġ sparati minn qaws l-univers
qasmuli laħmi u l-ispirtu
għamluli vudu
u esportawni lejn l-ispazji inkonċepibbli ta' moħħ alla

tliet tmellisiet każwali
iltaqgħu trinità fiċ-ċentru ta' l-eżistenza tiegħi
ġabruha fil-ġjometrija tagħhom
u sparaw biha lura mnejn ġew

Daħlet id-dinja ġo fija
u reġgħet ħarġet minni bija b'kollox

mill-persjani ta' ruħi
l-krepuskolar ta' *aurora borealis*
*x-files*

mill-bqija sens qawwi
reali
ta' unità ma' żokret l-univers



## Serp

DANIEL MASSA

fl-ibgħad gżejjer tal-Paċifku
il-palm jomxot iż-żerniq vampa nar
ġo baħar kristall tgħallimt ngħum għal dahri
iż-żifna tar-riskju
mas-serp tal-korall . . .
u fuq ir-ramel miknus qxur is-siċċ
*injection* għal-lest kontra s-semm
idur fuq denbu
b'zokk vleġġa rassejtu minn għonqu w ferfirtu minn denbu
u għandi r-ritratti jekk trid
ħabib
ejj' arahom
ritratti bis-serp tal-korall –
tista' tilmaħ fl-isfond qxur is-siċċ abjad silġ.

U f'nofsinhar
qrib l-għadajjar tal-gżejjer
meta wara x-xita x-xemx staħbiet
fil-widien miksija iroko
jindiehes mal-ġilju
is-serp ma lmaħtux sa dar jitwennes m'għarqubi
w erbat ijiem u ljieli
xammejt is-semm jinvadi l-arterji ta' ġismi
bħal ġilju qed jiftaħ ifewwaħ ġo demmi
f'dellirju ta' deni
inaqqar bħal *laser* ix-xmux f'qiegħ għajnejja

U issa mat-tektik ta' l-arloġġ *kwarz*
ma' nofs in-nhar illum
kif dort fuq takkuntek ħabib
fakkartni ftakart
fl-isfond qxur is-siċċ ġo baħar kristall
fil-fwieħa tal-ġilju mas-saqaf ta' ħalqi
ir-riħa velenu tas-serp tal-korall.

Ix-xewk ġewwa għajnejk ma rajthomx
iżd' għajnejja
kif dort fuq takkuntek
ħabib
ma jinsewkx